# FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**Gudikatur: Dr. Philip M. Magri LL.D; M.A. (Fin.Serv); M.Phil (Melit)**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 16 ta' Jannar, 2017**

**Talba Nru: 509/2016 PM1**

**Perry Limited (C5492)**

**Vs**

**Godfrey Smith sive Cremona Smith (ID Nru. 743145(M)) u Marie Louise Cremona Smith (ID Nru. 11674(A))**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fid-9 ta' Novembru, elfejn u sittax (2016) illi permezz tieghu is-socjeta' attrici kkontendiet illi l-intimati ghandhom jigu kkundannati ihallsu lill-istess socjeta' attrici s-somma ta' elfejn, hamsa u sittin euro (€2065) rapprezentanti bilanc ta' 'commission' dovuta fuq il-bejgh ta' Amber Residence, Apartment numru 4, Milner Grove, Sliema u dana skont id-dikjarazzjoni tat-28 ta' Jannar, 2016 (Dok. P1 a fol 2 tal-process) bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali

numru 1723/2016 (Dok. P2 a fol. 3 tal-process) u bl-imghax b'effett mis-7 ta' Settembru, 2016 data ta' notifika tal-ittra ufficjali (Dok. P3 a fol. 4 tal-process) kontra l-konvenuti in solidum ingunti minn issa in subizzjoni.

Ra illi l-konvenuti gew debitament ingunti in subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuti gew debitament notifikati bl-Avviz (tergo a fol. 7 tal-process), ma kkontestawx il-kawza fit-terminu preskritt mill-Ligi u lanqas ma deheru ghas-seduta tat-tlettax (13) ta' Jannar, elfejn u sbatax (2017) u lanqas ghas-seduta ta' llum.

Ra l-Kapitlu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici fis-seduta tat-tlettax (13) ta' Jannar, elfejn u sbatax (2017) u filfatt il-konvenuti naqsu li jidhru sabiex jirrispondu ghalih.

Illi n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa' it-talba u jikkundanna lill-konvenuti ihallsu in solidum bejniethom lis-socjeta' attrici is-somma ta' elfejn, hamsa u sittin euro (€2065) rapprezentanti bilanc ta' 'commission' dovuta fuq il-bejgh ta' Amber Residence, Apartment numru 4, Milner Grove, Sliema u dana skont id-dikjarazzjoni tat-28 ta' Jannar, 2016 bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali numru 1723/2016 u bl-imghax b'effett mis-7 ta' Settembru, 2016 kontra l-istess konvenuti in solidum bejniethom.

**Avukat Dr. Philip M. Magri LL.D. M.A. (Fin. Serv.) M.Phil.**

**Gudikatur**